MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2010

Rikors Numru. 52/2007

**Joseph Gatt**

***Versus***

**Avukat Ġenerali**

1. F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob rimedju għax igħid illi fi proċeduri ġudizzjarji li nqatgħu kontra tiegħu wara li damu għaddejjin għal tlieta u tletin (33) sena nkiser il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli mħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"].
2. Ir-rikorrent fisser illi fl-1973 kienet infetħet kawża[1] kontra tiegħu minn ċertu Francis Said għall-ħlas ta'danni li Said qal li ġarrab bi ħtija tiegħu wara li kien fdalu katina tad-deheb għat-tiswija. F'dik il-kawża kien inħatar perit

[1] Francis Said *versus* Joseph Gatt, ċitazzjoni numru 629/1973.

legali u perit tekniku. Il-perit tekniku miet bla ma irrekata u l-perit legali, li nbidel aktar minn darba, ukoll baqa’ ma irrelatax.

3. Waqt li kienet miexja l-kawża l-katina tad-deheb kienet fdata f’idejn ir-reġistratur tal-qrati iżda f’Jannar tal-1994 saret serqa mill-qorti, il-kaxxaforti fejn kienet miżmuma l-katina tad-deheb ġiet sgassata u l-katina nsterqet. Għalhekk ma setax isir eżami fuqha minn espert tekniku li jkun jista’ jerrelata dwarha. Barra minn hekk, kienu naqsu wkoll xi karti mill-proċess tal-kawża.

4. B’sentenza mogħtija fil-31 ta’ Ottubru 2003 il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili wara li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-attur Gatt (konvenut f’dik il-kawża) laqgħet *in parte* l-ewwel talba ta’ Said billi iddikjarat lil Gatt “parzjalment responsabbli” għall-ħsara fil-katina “minħabba nuqqas ta’ diliġenza fl-arti tiegħu”, u ċaħdet it-tieni u t-tielet talbiet (għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni) “minħabba nuqqas ta’ provi”.

5. Kemm Gatt u kemm Said appellaw mis-sentenza, u l-Qorti tal-Appell b’sentenza mogħtija fl-1 ta’ Diċembru 2006 iddeċidiet hekk:

… … … il-qorti tiddisponi minn dan l-appell billi fl-ewwel lok tiċħad l-appell inċidentali tal-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu; tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu rriteniet li fil-konfront tal-kjamat in kawża t-talbiet attriċi kienu infondati fil-fatt u fid-dritt, tħassarha u tirrevokaha fil-bqija, u minflok tilqa’ l-appell prinċipali tal-attur inkwantu, fl-ewwel lok, il-konvenut Joseph Gatt qed jiġi dikjarat responsabbli għad-danni kollha li ġew kaġunati lill-attur u dan a tenur tal-artikolu 1050 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta b’riżerva lill-konvenut għal kull dritt ta’ rivalsa kontra terzi persuni; tilqa’ wkoll dan l-appell inkwantu dan jirrigwarda it-tieni u t-tielet talbiet attriċi billi tillikwida l-kumpens dovut lill-attur għad-danni sofferti minnu minħabba l-ħsara li ġiet kaġunata lill-granspinat hawn fuq imsemmi fis-somma ta’ elfejn u ħames mitt lira maltin (Lm2,500) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur l-ammont hekk likwidat. Tirrevoka wkoll is-sentenza appellata fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż u tordna li l-ispejjeż tal-prim’istanza u dawk ta’ dan l-appell jiġu sopportati kollha mill-konvenut appellat.

6. L-attur (Gatt) igħid illi bid-dawmien fil-proċeduri huwa kien imċaħħad mill-possibilità li jagħmel il-provi tiegħu bl-aħjar mod, għax wara dawk is-snin kollha n-nies jinsew. Barra minn hekk, ġie mċaħħad għalkollox minn opinjoni ta' espert tekniku fuq materja teknika, u l-ħwejjeġ li fuqhom setgħet issir perizja għebu. Ġie mċaħħad ukoll mill-possibilità li jiġbor id-danni mingħand min seta' kien tassew jaħti għalihom, għax ma huwiex konċepibbli li wara tlieta u tletin sena jista' juri ħtija f'ħaddieħor li ma kienx parti fil-kawża.

7. Għalhekk, ikompli jgħid l-attur, hu ġie mċaħħad mill-jedd tiegħu għal smigħ xieraq quddiem tribunal imparzjali u indipendenti fi żmien raġonevoli. Barra minn hekk, ġie kundannat iħallas l-ispejjeż kollha tar-reġistru meta ħafna minn dawk l-ispejjeż kienu għalxejn u saru biss minħabba d-dewmien fil-proċeduri.

8. L-attur għalhekk fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti, wara li tgħid illi bil-proċeduri ġudizzjarji fuq imsemmija inkiser il-jedd tiegħu, imħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni, għal smigħ xieraq quddiem tribunal imparzjali u indipendenti fi żmien raġonevoli, tagħti d-direttivi kollha li jidhrulha meħtieġa sabiex jingħata rimedju effettiv għall-ksur tal-jedd tiegħu, fosthom billi tħassar is-sentenzi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u mill-Qorti tal-Appell, u tillikwida kumpens li jagħmel tajjeb għall-ksur tal-jeddijiet fondamentali tiegħu. Qiegħed jitlob ukoll l-ispejjeż.

9. L-Avukat Ġenerali wieġeb u, fost ħwejjeġ oħra, qal illi ma kien hemm ebda ksur tal-jedd tal-attur għax id-dewmien seħħ minħabba ċirkostanzi li ma kinux fil-kontroll tal-awtoritajiet, fosthom dewmien tal-attur stess (konvenut fil-kawża l-oħra) biex iressaq il-provi tiegħu. Fatturi oħra – bħal ma huma l-mewt tal-perit tekniku u s-serq tal-katina tad-deheb – ma kellu kontroll fuqhom ħadd.

10. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk: l-attur tallum, Joseph Gatt, kien imqabbad minn ċertu Francis Said biex jagħmel xogħol fuq katina tad-deheb. Waqt li kienet f'idejn Gatt din il-katina saritilha l-ħsara, inqatgħet u ġiet f'biċċiet. Billi deherlu illi kien bi ħtija ta' Gatt li saret din il-ħsara, Said fis-17 ta' Lulju 1973 fetaħ kawża kontrieh u talab illi l-qorti, wara li tgħid illi l-ħsara seħħet bi ħtija ta' Gatt, tillikwida d-danni li ġarrab u

tikkundanna lil Gatt iħallas id-danni hekk likwidati flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż. Gatt ressaq eċċezzjoni fit-2 ta' Novembru 1973 u qal illi l-ħsara mhux hu għamilha.

11. Il-kawża tqiegħedet fuq il-lista tat-23 ta' Ottubru 1973 u dakinhar inħatru perit legali u perit tekniku. Il-perit tekniku ġie mibdul b'dikriet tat-12 ta' Frar 1974. Fis-26 ta' Mejju 1976, il-partijiet għamlu verbal quddiem il-perit legali li ma kellhomx provi aktar, u awtorizzaw lill-istess perit legali jgħaddi għar-relazzjoni. Ir-relazzjoni iżda ma saritx għax il-perit legali nħatar maġistrat, u għalhekk inbidel fit-22 ta' Ġunju 1977 u reġa' nbidel b'dikriet ieħor tal-11 ta' Ġunju 1982. Verbal tal-qorti tat-8 ta' Frar 1985 igħid illi ma sarux seduti quddiem il-perit legali – preżumibbilment dak li nħatar fil-11 ta' Ġunju 1982 – għax "bi svista għadu ma jafx bin-nomina tiegħu".

12. Il-kawża baqagħet tiġi differita billi l-periti ma irrelatawx, sakemm fit-12 ta' Frar 1988 l-avukat ta' Said u l-perit legali għarrfu lill-qorti illi "l-kawża hija aktarx struwita biżżejjed". Fis-6 ta' Ġunju 1988 imbagħad l-avukat ta' Said għarraf lill-qorti illi "l-provi eżawriti" u fit-28 ta' Novembru 1988 reġa' deher l-avukat ta' Said waħdu, reġa' għarraf lill-qorti illi "l-provi ilhom miġbura" u talab illi l-qorti "tissolleċita" l-perit biex jippreżenta r-relazzjoni. Il-qorti ordnat lill-periti jirrelataw u iddifferiet il-kawża għas-6 ta' Marzu 1989 għar-relazzjoni.

13. Ir-relazzjoni baqgħet ma saritx u fl-14 ta' Marzu 1989 il-perit legali – it-tielet wieħed – talab li jinbidel "minħabba pressjoni ta' xogħol". Il-qorti ordnatlu jirritorna l-proċess. Fit-22 ta' Settembru 1989 l-attur talab illi l-qorti taqta' l-kawża bla ma tistenna li tkun maħlufa r-relazzjoni. Il-qorti ma setgħetx tipprovdi fuq ir-rikors billi l-perit legali baqa' ma irritornax il-proċess sakemm fit-3 ta' April 1992 stiednet lill-partijiet jipproponu isem ta' min seta' jinħatar bħala perit tekniku. Din in-nota saret fid-9 ta' April 1992 u dakinhar il-qorti reġgħet ħatret perit tekniku billi dak illi kien inħatar fit-12 ta' Frar 1974 kien miet.

14. F'dan l-istadju nħoloq dubju dwar fejn kienet il-katina tad-deheb, billi din kienet inżammet mill-ewwel perit legali li ma għaddihiex lil dawk ta' warajh, sakemm b'ittra tas-27 ta' April 1992 ir-reġistratur tal-qrati stqarr li kienet f'idejh u kienet tinżamm f'kaxxaforti fil-bini tal-qorti. Il-qorti għalhekk fil-11 ta' Mejju 1992 ordnat illi jitkompla s-smigħ

quddiemha b'dan li waqt is-smigħ ikollha l-għajnuna tal-perit tekniku, u iddifferiet il-kawża għall-15 ta' Ġunju 1992 għal dak il-għan. Fil-15 ta' Ġunju 1992, iżda, il-perit tekniku ma deherx u l-qorti għalhekk reġgħet ħatret perit legali sabiex is-smigħ isir quddiemu bil-għajnuna tal-perit tekniku.

15. Saru xi seduti quddiem il-periti ġudizzjarji sakemm fl-14 ta' Jannar 1994 il-qorti ġiet mgħarrfa illi l-katina tad-deheb kienet insterqet. Il-perit tekniku ma laħaqx raha. Fit-3 ta' Ġunju 1994 l-attur talab li jissejjaħ fil-kawża r-reġistratur tal-qrati u t-talba ntlaqgħet dakinhar stess. Fid-9 ta' Novembru 1994 ir-reġistratur ressaq nota ta' eċċezzjonijiet fejn qal li hu ma kellux *locus standi* u li l-katina kien żammha bħala depożitarju u kien ħa ħsiebha daqs *bonus paterfamilias*.

16. Billi l-katina ma setax isir eżami tekniku fuqha, il-qorti b'dikriet tas-16 ta' Lulju 2001 ordnat illi l-ewwel perit legali jixhed u "jagħti deskrizzjoni tal-barbazzal in kwistjoni u dan anke fid-dawl ta' xi konstatazzjonijiet li setgħu saru flimkien mal-perit tekniku". B'rikors tat-18 ta' Lulju 2010 Gatt talab li jitħalla jagħmel appell minn dak id-dikriet iżda t-talba tiegħu ġiet miċħuda b'dikriet ieħor tal-24 ta' Ottubru 2001. Ix-xiehda tal-ewwel perit legali ngħatat quddiem il-qorti fl-4 ta' Jannar 2002.

17. Fid-29 ta' Jannar 2002 il-qorti ordnat lill-periti ġudizzjarji jirritornaw il-proċess sabiex is-smigħ isir quddiemha. Instemgħu xi xhieda quddiem il-qorti u, fis-27 ta' Mejju 2003, wara li tat lill-partijiet fakoltà jagħmlu sottomissjonijiet dwar il-meritu bil-miktub, il-qorti iddifferiet il-kawża għall-31 ta' Ottubru 2003 għas-sentenza bla ma kellha ebda relazzjoni, legali jew teknika. Fil-31 ta' Ottubru 2003 imbagħad ingħatat is-sentenza li biha l-qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur Said safejn magħmula kontra r-reġistratur tal-qrati msejjaħ fil-kawża, ċaħdet l-eċċezzjoni ta' Gatt, laqgħet l-ewwel talba ta' Said "limitatament billi tiddikjara lill-konvenut [Gatt] parzjalment responsabbli għall-ħsara", u ċaħdet it-tieni u t-tielet talbiet, għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, "minħabba nuqqas ta' provi". Ipprovdiet ukoll dwar kif kellhom jinqasmu l-ispejjeż.

18. Matul dan iż-żmien kollu li l-kawża damet quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, l-imħallef li ippresjeda dik il-qorti nbidel kemm-il darba.
19. B'rikors tal-appell tad-19 ta' Novembru 2003 Said appella mis-sentenza; Gatt wieġeb fid-9 ta' Diċembru 2003 u ressaq appell inċidentali. L-appell instema' fis-17 ta' Ottubru 2006 u nqata' fl-1 ta' Diċembru 2006. Il-qorti tal-Appell irriformat is-sentenza tal-ewwel qorti kif imfisser fuq[2].
20. L-ilment ta' Joseph Gatt fil-kawża tallum essenzjalment huwa dwar (i) id-dewmien innifsu biex inqatgħet il-kawża u (ii) il-fatt illi, minħabba d-dewmien, inħolqu ċirkostanzi li minħabba fihom hu ma setax iressaq l-aħjar prova u għalhekk id-dewmien laqat ħażin il-meritu tal-kawża bi ħsara għalih.
21. Dwar id-dewmien, ftit hemm x'jista' jingħad. Il-kawża setgħet tiġi deċiża mill-ewwel qorti sa mis-26 ta' Mejju 1976, meta ngħalaq il-ġbir tax-xiehda quddiem il-periti, iżda fil-fatt inqatgħet minn dik il-qorti sebgħa u għoxrin (27) sena wara. Ħafna fatturi wasslu għal dan id-dewmien – il-bdil tal-periti legali u dawk tekniċi, il-mewt tal-perit tekniku, is-serqa tal-katina, l-imġieba tal-partijiet stess, nuqqas ta' dehra mill-partijiet, dewmien biex il-perit legali jiġi mgħarraf bil-ħatra tiegħu, bdil ta' avukati, is-sejħa tar-reġistratur fil-kawża – iżda l-fattur ewlieni fil-fehma tal-qorti huwa l-ineffiċjenza inerenti tas-sistema ta' smigħ ta' kawżi minn periti, li spiss iwassal, kif ġara f'dan il-każ, illi l-kawża tagħmel ħafna żmien wieqfa bla ma jsir xejn. Id-dewmien minnu nnifsu ħoloq komplikazzjonijiet li komplew wasslu għal aktar dewmien li ħoloq aktar komplikazzjonijiet, *etc.* F'kull każ, u wkoll jekk xi drabi jkun hemm ukoll atteġġjament ostruzzjonista minn xi parti jew oħra, tlieta u tletin (33) sena biex tinqata' kawża ma jistax jitqies bħala żmien raġonevoli, aktar u aktar meta l-kwistjoni ma tidhirx li kienet xi waħda komplikata żżejjed.
22. Il-qorti għalhekk issib li kien hemm ksur tal-jedd tal-attur illi d-deċiżjoni dwar id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet ċivili tiegħu tingħata fi żmien raġonevoli.
23. Dwar l-ilment tal-attur illi ma ngħatax smigħ xieraq għax, minħabba d-dewmien, ma setax iressaq l-aħjar

---

2 Para. 5, p. 2.

xiehda u ma setax ifittex rimedji kontra terzi, il-qorti tosserva illi, essenzjalment, dan l-ilment jolqot biss il-perzja teknika fuq il-katina tad-deheb, li baqgħet ma saritx. Għall-bqija, l-attur ma tilef ebda okkażjoni li jressaq xiehda, ladarba ż-żewġ partijiet fil-kawża ġà fis-26 ta' Mejju 1976 kienu iddikjaraw illi għalqu x-xiehda tagħhom. F'dak l-istadju l-attur kellu tagħrif biżżejjed dwar terzi persuni li setgħu kellhom ħtija jew sehem mill-ħtija għall-ħsara u seta' għalhekk talab is-sejħa tagħhom fil-kawża. *Imputet sibi* jekk dan naqas li jagħmlu.

24. In-nuqqas ta' perizja teknika kien wieħed mill-fatturi li wassal għal dewmien u li għamel il-kompitu tal-qorti wieħed aktar ieħes. Madankollu, il-qorti xorta wettqet id-dmir tagħha li tagħti deċiżjoni fuq l-aħjar xiehda li kellha disponibbli ukoll jekk ma kinitx l-aħjar xiehda b'mod assolut. Dan ma żammx lill-qorti milli tasal għal konklużjoni motivata u msaħħa b'referenza għax-xiehda li kellha quddiemha. Din il-qorti għalhekk ma tarax illi tista' tilqa' t-talba tal-attur illi, effettivament, terġa' tqis il-meritu tal-kawża u tħassar is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru 2003 u dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru 2006.

25. Il-qorti iżda taqbel mal-argument tal-attur illi l-ispejjeż tal-kawża żdiedu minħabba fid-dewmien u għalhekk bħala riżarċiment tad-danni patrimonjali l-konvenut għandu jħallas sehem mill-ispejjeż. Wara li qieset illi l-ispejjeż b'kollox telgħu għal tnax-il elf, seba' mija u tlieta u disgħin euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€12,793.68), il-qorti tillikwida d-danni patrimonjali minħabba spejjeż żejda li kellu jħallas l-attur minħabba d-dewmien fis-somma ta' tmint elef euro (€8,000).

26. Ma' dawn id-danni patrimonjali għandhom jiżdiedu d-danni morali minħabba fil-ksur tad-dritt fondamentali. Wara li rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar 2009 fil-kawża fl-ismijiet Francis Said *et versus* Avukat Ġenerali (rikors kostituzzjonali numru 10/2007), magħmula mill-attur fl-istess kawża kontra l-attur tallum, u biex iżżomm proporzjonalità mad-deċiżjoni mogħtija f'dik il-kawża li kienet effettivament dwar l-istess meritu, għalkemm min-naħa tal-attur fil-kawża flok dik tal-konvenut, il-qorti tillikwida d-danni morali għad-dewmien fis-somma ta' sitt elef euro (€6,000).

27. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk taqta’ l-kawża:

a. tgħid illi l-attur ġarrab ksur tal-jedd għal deċiżjoni dwar id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tiegħu fi żmien raġonevoli fil-kawża fl-ismijiet Francis Said *versus* Joseph Gatt (ċitazzjoni numru 629/1973) minħabba d-dewmien f’dik il-kawża;

b. tgħid illi l-attur ma ġarrabx ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq;

c. tiċħad it-talba għat-tħassir tas-sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta’ Ottubru 2003 u dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta’ Diċembru 2006;

d. tillikwida d-danni patrimonjali li ġarrab l-attur minħabba fid-dewmien fis-somma ta’ tmint elef euro (€8,000) u d-danni morali fis-somma ta’ sitt elef euro (€6,000), b’kollox erbatax-il elf euro (€14,000);

e. tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur id-danni hekk likwidati, u tikkundannah iħallas ukoll l-ispejjeż tal-kawża tallum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------